# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tal-24 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tlieta 19 ta' Jannar 2021 fis-6:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29 Triq il-Parroċċa, l-Imqabba**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia | Sindku |
| Grace Marie Zerafa | Viċi-Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Henry Zaffarese | Kunsillier |
| Nathan Aquilina | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

24.01 **Talba**

24.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

24.02 **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

24.02.01 Is-S.E. informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

24.03 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa nru 23**

24.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 23 ġew approvati unanimament peress li kienu ntbagħtu lill-Kunsillieri mal-Aġenda. Il-Viċi-Sindku pproponiet u s-Sindku issekonda.

24.04 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

24.04.01 Is-Sindku nforma li konna rċivejna talba mill-Kumitat tas-soċjetà Madonna tal-Ġilju sabiex issir laqgħa formali magħhom. Ġie unanimament deċiż li din il-laqgħa ssir l-Erbgħa, 27 ta' Jannar fis-6.00 p.m.

24.04.02 Is-Sindku spjega li x-xogħol fi Triq il-Fjuri mill-ħaddiema tal-PWD kien wasal biex jibda. Huwa qal li kien hemm qbil li wara li ssir il-katusa f'nofs it-triq, din titgħatta permezz ta' kubetti tal-konkos minflok gradilja. Huwa qal ukoll li l-Perit R. Farrugia kien infurmaħ li kienu ser jaraw jistgħux isiru modifiki fil-gradilji li hemm fl-istess triq sabiex ma joħorġux ġrieden.

24.04.03 Is-Sindku spjega li fl-aħħar jiem kienu komplew jidħlu lmenti dwar problemi minħabba vetturi u parkeġġ fi Triq il-Langasa. Huwa qal li diversi residenti qed jaqalgħu ċitazzjonijiet wara li jidħlu rapporti kemm lill-Pulizija kif ukoll ukoll lil LESA dwar l-istess parkeġġ u għalhekk ġie unanimament deċiż li l-Kunsill għandu jimxi skont kif tiddeċiedi Transport Malta bil-kundizzjonijiet kollha mposti korretti.

24.04.04 Is-Sindku nforma li għada l-Erbgħa, flimkien mas-S.E. kien ser jattendi għall-preżentazzjoni tal-istudju minn StudjUrban dwar *Slow Streets* ġewwa r-raħal. Huwa issuġġerixxa li aktar il-quddiem issir laqgħa apparti dwar dan is-suġġett.

24.04.05 Rigward Ġnien Tfal ir-Raħal, is-Sindku nforma li l-aħħar 2 biċċiet *Gym Equipment* kienu weħlu llum u għalhekk issa nistennew mingħand SportsMalta dwar l-inawgurazzjoni. Ġie unanimament deċiż li qabel l-inawgurazzjoni, għandha tingħata tindifa ġenerali fis-*soft areas* kif ukoll isir żbir tas-siġar skont il-bżonn apparti li ssir ġebla nieqsa li hemm fiċ-ċint li jdawwar dan il-ġnien.

24.04.06 Rigward il-Proġett *Green Infrastructure*, is-Sindku informa li dan wasal fit-tmiem tiegħu. Huwa nforma li l-ħsarat fil-funtana fi Ġnien Ġublew tad-Djamanti kienu ser jissewwew mill-kuntrattur sabiex terġa tibda titħaddem. Kien hemm bżonn issir applikazzjoni għas-servizz tal-ilma sabiex ikun hemm *back-up* għas-sistema tal-*irrigation*. Fuq dan kollu kien hemm qbil unanimu. Huwa spjega li konna ġejna avviċinati minn Ambjent Malta peress li jidher li Triq il-Konvoj ta' Santa Marija kif ukoll ir-*roundabout* tal-Mentna jiffurmaw parti mill-kuntratt li l-Gvern Ċentrali għandu mal-ELC. Għal dan il-għan kienet ser issir laqgħa ma' Ambjent Malta sabiex naraw kif din il-problema tista' tiġi solvuta. Huwa semma wkoll li hemm problema fil-*planter* faċċata minn fejn jinħaraq in-nar peress li r-rand li ġie mgħoti lilna minn IM huwa kbir wisq peress li s-servizzi tal-*cables* tad-dawl huma fil-wiċċ u għalhekk ser naraw jekk mhux possibbli li dawn jitniżżlu iktar l-isfel.

24.04.07 Is-Sindku nforma li l-aħħar saff tarmak fis-*side-roads* ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija għandu jitlesta sal-bidu tal-ġimgħa d-dieħla. Wara dan kollu titpoġġa l-ħamrija fil-*planters* li jmissu magħhom sabiex jitkomplew jitħawwlu iktar siġar. Huwa qal li xi kanali mas-*side streets* li qabel kienu saru bil-konkos, issa ser isiru bit-tarmak. It-tappieri li jċekċku għandhom jitranġaw filwaqt li l-problema tar-*road markings* għandha tissolva fil-ġranet li ġejjin.

24.04.08 Rigward il-Proġett tal-Pjazza, huwa qal li x-xogħol tal-Enemalta u tal-kuntrattur Nexos kien wasal lejn l-aħħar. Huwa nforma li xi xogħol ħażin li hemm viċin iż-*zebra crossing* u viċin il-Każin tal-PL kien ser jitranġa fi tmiem din il-ġimgħa u għalhekk il-Pjazza ser tingħalaq għal xi jiem.

24.04.09 Is-Sindku fakkar lil dawk preżenti fil-laqgħa li kienet talbet l-Onor Ministru Dr. Miriam Dalli li ser issir il-Ġimgħa 19 ta' Frar.

24.04.10 Rigward l-armar tal-Milied, is-Sindku issuġġerixxa li dan ikun amministrat kompletament mill-Kunsill. Il-Viċi-Sindku qalet illi bħala Kunsill għandna niddeċiedu kif u minn meta rridu s-servizz u għaldaqstant kien hemm qbil illi l-Kunsill għandu jagħmel regoli bil-miktub u li dawn għandhom jingħataw lil dawk kollha li se jkun qed jittieħed is-servizz mingħandhom.

24.04.11 Ġie unanimament deċiż li l-arblu li kien hemm fid-daħla tar-raħal jerġa jeħel fuq il-bankina l-wiesa fi Triq Valletta, kif ukoll li l-*Locality Sign* tiċċaqlaq u teħel biswit

l-istess arblu. Ġie deċiż ukoll li nitolbu lil-Infrastructure Malta sabiex jitwaħħlu *cats eyes* ma' din il-bankina sabiex tkun tidher fil-għaxija.

24.04.12 Rigward korrispondenza dwar l-uniformi tal-ħaddiema industrijali, ġie unanimament deċiż li l-arma tal-Kunsill għandha tkun fuq is-sider u mhux fuq il-komma kif issuġġerit mis-*supplier*.

24.04.13 Rigward korrispondenza sabiex il-Kunsill jgħin sabiex jinġabar ikel għal *Food Bank*, il-Kunsill qabel unanimament.

24.05 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

24.05.01 Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk il-laqgħa mal-kumitat tal-Imqabba FC kienitx saret. Is-Sindku wieġeb li huwa kien kellem lil Antoine Sciberras dwar dan li infurmah li l-art in kwistjoni hija tagħhom. Huwa talbu sabiex jekk għandu xi dokumentazzjoni dwar dan jgħaddielna kopja.

24.05.02 Il-Viċi-Sindku tkellmet dwar ilment li kienet ressqet dwar skart goff li kien qed jitħallat ma dak domestiku. Is-S.E. informa li huwa kien iċċekkja dwar il-każ u l-kuntrattur ikkonferma li fil-perjodu li l-permess tal-ERA kien skada, veru kien qed jiġbor l-iskart goff ma' dak domestiku. Huwa spjega li min naħa tal-kuntrattur u l-Kunsill kollox kien intbagħat fil-hin però min naħa tal-ERA l-permess kien dam ma nħareġ. Huwa żied jgħid li wara diversi attentati, kien irnexxielu jġib permess temporanju mingħand l-ERA sabiex l-iskart goff ikun jista' jiġi depożitat kif suppost. F'dan l-istadju, s-S.E. informa li rriżultalu li l-Kunsill ma kellux kuntratt għall-ġbir tal-iskart goff u li dwar dan kellu l-konferma tas-S.E. preċedenti. Is-Sindku talab lis-S.E. sabiex kemm jista' jkun malajr isib korrispondenza dwar dan is-suġġett sabiex il-Kunsill jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu.

24.05.03 Il-Viċi-Sindku qajmet l-*issue* tal-*Bring-In Site* fi Triq Ħal Kirkop u qalet li minbarra nies bil-vetturi, jmorru nies anke bil-pass u jekk dawn iħallu xi materjal, min jara il-filmat min naħa tal-LESA ma jagħrafx in-nies. Is-Sindku spjega li kien qed jipproponi li ssir laqgħa mal-LESA u l-GreenPak sabiex jekk hemm bżonn, il-*monitoring* tal-*camera* jsir min naħa tal-Kunsill sabiex ikun aktar effettiv. Il-Viċi-Sindku qalet illi jekk mhux se jkun hemm qbil illi jingħata l-aċċess, bħala Kunsill għandna niddeċiedu u nagħmlu l-*cameras* aħna. Hija ssuġġeriet illi l-aċċess għandu jkun fuq il-*mobile* tal-Kunsillier responsabbli J. Dingli u tas-Sindku jew inkella ta' xi ħadd ieħor mill-Amministrazzjoni li jkun hemm qbil dawru. Dwar din il-proposta kien hemm qbil unanimu. Is-S.E. intalab sabiex jikkordina din il-laqgħa.

24.05.04 Il-Viċi-Sindku lmentat li ċerti *posts* mhux qed jidhru fuq il-paġna tal-FB tal-Kunsill. Hija ppreżentat id-Direttiva 4/2016 mid-DLG, fejn huwa ċar illi l-Amministratur għandu jkun is-S.E. u li din il-paġna trid iżżomm bilanċ bejn il-Kunsillieri kollha. Wara diskussjoni kien hemm qbil illi kull Kunsillier li jkun jixtieq li xi post li jkun għamel fuq il-paġna personali tiegħu tiġi *shared* fuq il-paġna tal-Kunsill, għandu jinforma lis-S.E.

24.05.05 Il-Kunsillier Dingli semma *issue* li kellu riċentement meta ikkummenta fuq l-aġir ta' persuna li joqgħod ir-raħal u xtaq li l-Kunsill jikkonferma dak li kien qal hu peress li kien ikkummenta bħala Kunsillier. Il-Kunsillieri kollha qablu dwar dan u ġie unanimament deċiż li l-Kunsill joħroġ stqarrija uffiċċjali sabiex jikkonferma li dak li kien ikkummenta dwaru l-Kunsillier Dingli kien ibbażat fuq il-fatti.

24.05.06 Il-Kunsillier Dingli talab sabiex teħel tabella fi Triq Mons. Alfons Caruana sabiex il-vetturi jipparkjaw bl-*exhaust pipe* il-barra. Din it-talba ġiet approvata.

24.05.07 Il-Kunsillier Dingli lmenta li ħajt li jagħti għas-*Service Road* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija ma nbidilx u għadu wieħed qadim li jista' jkun perikoluż. Ġie deċiż li dan l-ilment jiġi riferut lil-*Infrastructure Malta*.

24.05.08 Il-Kunsillier Dingli staqsa għaliex fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija hemm 2 *Zebra Crossings* mingħajr *belisha lights*. Is-Sindku wieġeb li jinsab infurmat li dawn ser isiru fil-ġranet li ġejjin.

24.05.09 Il-Kunsillier Dingli staqsa jekk kienx hemm żviluppi dwar iż-żbir tas-siġar fi Triq Valletta. Is-S.E. informa li l-ERA kienu infurmawh li ried japplika *online* u jindika liema friegħi riedu jinżabru ! Huwa qal li kien ser jipprova japplika kif indikat.

24.05.10 Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa li tiżdied bozza bejn tar-Robba u l-MATS. Huwa għandu jibgħat ritratt tal-post lis-S.E.

24.05.11 Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa li tinżabar siġra fi Triq Innocenz Zammit. Ġie deċiż li nitolbu lil Callus sabiex jiżbor din is-siġra.

24.05.12 Il-Kunsillier Dingli talab sabiex issir *Zebra Crossing* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija faċċata tal-Maypole. Is-Sindku nforma li peress li l-post huwa viċin *roundabout*, ma tistax issir.

24.05.13 Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa li jsiru CCTVs fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija minħabba ħmieġ li ta' sikwit qed jitħalla fit-triq minbarra s-sewqan esaġerat li qed isir. Ġie deċiż li nkellmu lil LESA dwar din it-talba.

24.05.14 Il-Kunsillier Sciberras informa li flimkien mal-Kunsillier Zaffarese kien żar l-iSptar il-Qadim flimkien ma' artisti li jixtiequ jieħdu f'idejhom il-*management* tal-post filwaqt li jieħdu ħsieb li l-post jinżamm fi stat aħjar. Ġie deċiż li l-Kunsill għandu jitlob rapport tal-pjanijiet li għandhom dawn il-persuni qabel ma jieħu deċiżjoni.

24.05.15 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar l-*open space* li hemm fi Triq Dun Giacomo Tortella. Is-Sindku spjega li Infrastructure Malta infurmawħ li l-*area* hija *Public Urban Space*. Ġie deċiż li għandna nippruvaw insibu jekk l-art hijiex waħda pubblika jew privata.

24.05.16 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar l-i*street furniture* għall-Pjazza u s-Sindku nfurmaħ li konna ktibna lill-PWD sabiex naraw hux possibbli li dawn jinxtraw minnhom u l-Kunsill jirrifondi l-ispejjez lill-PWD.

***L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ ħalla l-laqgħa fit-8.15 p.m. minħabba mpenji oħra.***

24.05.17 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi rigward il-Librerija u s-S.E. infurmaħ li kien infurmat li l-persuna li kienet qed tieħu ħsieb ix-xogħol fil-Ministeru kien inbidel u għalhekk kien għadu jrid jagħmel kuntatt mal-persuna li ħadet postu.

24.05.18 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar *Reserved Parking* li kien hemm fi Triq id-Duluri qabel ma t-triq ingħatat it-tarmak. Ġie deċiż li peress li min kien jagħmel użu min dan il-post ma għadx għandu bżonnu, meta jsiru r-*road markings* mill-ġdid, il-post m'għandux jerġa jkun immarkat bħala *reserved*.

24.05.19 Il-Kunsillier Sciberras informa li kien irċieva lment dwar iż-żewġ *parking places* viċin il-forn fi Triq it-Torri Vincenti. Wara diskussjoni ġie deċiż li dan l-ilment jiġi riferut lil-Transport Malta.

24.05.20 Il-Kunsillier Zaffarese issuġġerixxa li b'żieda ma dak li ntqal f'24.05.14 issir laqgħa mal-Onor. Ministru Owen Bonnici sabiex naraw jekk jistax jgħin min naħa ta' Ministeru. Huwa qal li l-artisti lesti li anke jwaqqfu NGO bl-isem ta' *Mqabba Cultural Educational Centre* bl-iskop li jkun hemm kollox regolat u li jsir użu aħjar mill-bini filwaqt li r-raħal isir ċentru għall-kultura. Ġie deċiż li wara li jkollna r-rapport mingħandhom, inkunu nistgħu niddeċiedu aħjar.

24.05.21 Il-Kunsillier Zaffarese informa li kif deċiż fl-aħħar laqgħa, huwa kien evalwa l-*quotations* li konna rċivejna ghas-CCTV u hu kien qed jirrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-irħas offerta peress li kien hemm *Value for Money*. Is-S.E. żied jghid li l-kuntrattur kien offra li l-HD tar-*recorder* tkun 2T minflok 1T għall-istess prezz. Dawn dan kien hemm qbil unanimu.

24.05.22 Il-Kunsillier Zaffarese talab sabiex isir *refreshing* tad-*Double Yellow Line* fi Triq Santa Katerina. Ġie deċiż li dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

24.05.23 Il-Kunsillier Zaffarese ta' dettalji dwar il-laqgha li saret għall-*cat feeders* tar-raħal u dwar it-tqassim tal-*vouchers* tan-*neutering*. Huwa qal li rridu naraw jekk hux possibbli li jinbidlu 2 mit-3 postijiet fejn għandhom isiru l-*Cat Shelters* filwaqt li għandna nġibdu *quotations* għax-xiri ta' ikel għall-qtates.

24.06 **Kuntratti**

24.06.01 Is-S.E. informa li nhar l-Erbgħa 27 ta' Jannar fil-5.00 pm kienet ser issir laqgħa dwar il-kuntratt tal-Bini tat-Toroq u l-Bankini.

24.07 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti nru 08/24**

24.07.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/24 ġiet approvat unanimament minbarra l-pagamenti għas-servizz tal-*Bulky Refuse* għax-xhur ta' Novembru u Diċembru.

24.07.02 Il-lista tal-infieq mill-*Petty Cash* li sar matul Diċembru 2020 ġiet approvata unanimament.

24.08 **Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

24.08.01 Il-laqgħa ntemmet fid-9:15 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 16 ta' Frar fis-6:00 pm

Konfermati illum it-Tlieta 16 ta' Frar 2021.

Omar Farrugia
Sindku

Fabian Mizzi
Segretarju Eżekuttiv